Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2939

11.12.2024

**DEĊIŻJONI (UE) 2024/2939 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**

**tal-14 ta' Novembru 2024**

**li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (BĊE/2016/36)** ***(BĊE/2024/33)***

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 32 tiegħu,

Billi:

(1) Fit-13 ta' Marzu 2024, il-Kunsill Governattiv iddeċieda li jintroduċi bidliet fil-qafas operattiv għall-implimentazzjoni tal-politika monetarja. Ir-remunerazzjoni tad-differenza bejn il-valur tal-assi assenjati ta' bank ċentrali nazzjonali u l-valur tal-bażi tal-passiv tiegħu jenħtieġ li tinbidel biex jiġi minimizzat l-effett fuq id-dħul monetarju li jirriżulta minn bidliet fil-pożizzjonijiet tal-assi finanzjarji netti tal-bank ċentrali nazzjonali. Barra minn hekk, il-pretensjonijiet u l-passiv intra-Eurosistema għandhom jiġu remunerati bl-applikazzjoni ta' kriterju oġġettiv biex tiġi definita l-ispiża tal-flus. F'dan il-kuntest, ir-rata tal-imgħax fuq il-faċilità ta' depożitu titqies xierqa.

(2) Fil-karta tal-bilanċ armonizzata (HBS) l-ebda bilanċ tal-Eurosistema ma għandu jiġi rrapportat jew mill-banek ċentrali nazzjonali taħt il-partita 10.2 tal-passiv tal-HBS "Passiv relatat mal-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE" jew mill-BĊE taħt il-partita 9.3 tal-attiv tal-HBS "Pretensjonijiet relatati mal-ħruġ ta' ċertifikati ta' dejn tal-BĊE". Il-partita tal-passiv tal-HBS 10.2 għandha tirrapporta l-passiv tat-TARGET separatament mill-passiv l-ieħor intra-Eurosistema, li għandhu jiġi rrapportat taħt il-partita 10.4 tal-passiv tal-HBS "Passiv ieħor fi ħdan l-Eurosistema (nett)". Bl-istess mod, il-partita 9.3 tal-attiv tal-HBS għandha tirrapporta l-pretensjonijiet tat-TARGET separatament minn pretensjonijiet oħra intra-Eurosistema. Għall-finijiet tal-allokazzjoni tad-dħul monetarju, il-kompożizzjoni tal-bażi tal-passiv u l-lista tal-assi assenjabbli jenħtieġ li jiġu emendati biex jirriflettu dawn l-aspetti.

(3) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2016/36) ([1]) għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Emenda**

1. L-Artikolu 1(j) tad-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 (BĊE/2016/36) huwa mibdul b'dan li ġej:

"(j) 'rata ta' referenza' tfisser l-aħħar rata ta' imgħax disponibbli applikata għall-faċilità ta' depożitu offruta mill-Eurosistema skont l-Artikoli 21 sa 23 tal-Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/60) (*);

(*) Linja Gwida (UE) 2015/510 tal-Bank Ċentrali Ewropew tad-19 ta' Diċembru 2014 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika monetarja tal-Eurosistema (Linja Gwida dwar id-Dokumentazzjoni Ġenerali) (BĊE/2014/60) (ĠU L 91, 2.4.2015, p. 3)."

2. L-Annessi I u II huma emendati skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

([1]) Deċiżjoni (UE) 2016/2248 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-3 ta' Novembru 2016 dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (BĊE/2016/36) (ĠU L 347, 20.12.2016, p. 26).

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-1 ta' Jannar 2025.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-14 ta' Novembru 2024.

*Il-President tal-BĊE*
Christine LAGARDE

*ANNESS*

1. L-Anness I tad-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 (BĊE/2016/36) huwa emendat kif ġej:

   (a) fit-taqsima A, il-paragrafu 4 huwa mibdul b'dan li ġej:

   "4. Passiv nett intra-Eurosistema li jirriżulta minn tranżazzjonijiet TARGET remunerati skont ir-rata ta' referenza (partita tal-passiv 10.2 tal-HBS).";

   (b) fit-taqsima A, il-paragrafu 6 huwa mħassar.

2. L-Anness II tad-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 (BĊE/2016/36) huwa emendat kif ġej:

   (a) fit-taqsima A, il-paragrafu 4 huwa mibdul b'dan li ġej:

   "4. Pretensjonijiet netti intra-Eurosistema li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet TARGET remunerati skont ir-rata ta' referenza (partita tal-attiv 9.3 tal-HBS).";

   (b) fit-taqsima A, il-paragrafu 5 huma mibdul b'dan li ġej:

   "5. Pretensjonijiet netti intra-Eurosistema dwar karti tal-flus euro fiċ-ċirkolazzjoni inklużi dawk li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-Artikolu 4 ta' din id-Deċiżjoni (partita tal-attiv 9.4 tal-HBS).";

   (c) fit-taqsima A, il-paragrafu 8 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

   "8. Pretensjonijiet u titoli pendenti li jirriżultaw minn inadempjenza ta' kontropartijiet tal-Eurosistema fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema, u/jew assi jew pretensjonijiet finanzjarji fil-konfront ta' partijiet terzi approprjati u/jew miksuba fil-kuntest tar-realizzazzjoni ta' kollateral ippreżentat minn kontropartijiet inadempjenti tal-Eurosistema fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' kreditu tal-Eurosistema kklassifikati mill-ġdid mill-partita tal-attiv 5 tal-HBS (parti mill-partita tal-attiv 11.6 tal-HBS).".